# META JKUN MIKTUB

Il-qaddejja daħħlet it-te, qegħditu fuq mwejda bir-roti u ħarġet mill-kamra bla ma ħarset lejn ħadd.

Hemm ġew kien hemm is-Sa Ġul, li kienet qorbot lejn is-sittin tagħha, b'xagħarha rmiedi imma mġiegħed u mimxut tajjeb, u b'dawk għajnejha sħaħ u fuq tagħhom donnhom iridu jgiddbu lil min jitħajjar igħid li hi xiħa. Ħaddejha kienu li jxejħuha xi daqsxejn, għax għad li mlewna mhux ħażin, kienet tidher fihom xi tikmixa qawwija, xhieda ta' kemm-il rebbiegħa kienet għaddiet minn fuqhom.[1]

Quddiem is-Sa Ġul kien hemm bil-qiegħda xbejba donnha farfett, ilventa u misluta sabiħ, xbieħa ħajja tal-ġmiel u s-saħħa mżewġin flimkien.

"Fraħt wisq li rajtek il-lum," kienet qiegħda tgħid is-Sa Ġul. "Nifhem jien, ilek nieqsa għaxar snin minn hawn, hux hekk?"

"Minn meta morna noqogħdu l-belt ma ġejt qatt," wieġbet ix-xbejba. "U, madankollu, ftit stajt niċċaqlaq, għax dawn l-aħħar sitt snin għaddejthom magħluqa l-kulleġġ mas-sorijiet."

"Għadek tiftakru 'l ibni Oreste?"

"Naħseb li jekk narah nagħarfu."

Is-Sa Ġul qamet minn fejn kienet, resqet fuq il-pjanu u ġiebet minn fuqu x-xbieha ta' binha.

"Ara r-ritratt tiegħu, bagħathuli s-sena l-oħra mill-Amerika.

"Mela Oreste kien siefer?"

"Iva... issa ilu nieqes fuq it-tlitt snin. Dejjem kien jitħajjar għas-safar, avolja jien ħassartlu ma nafx kemm. Moħħi fih biss, għax ingħid min jaf ma' min jiltaqa' barra. Jien, għalija, aktar xtaqtu kieku qabad tarf ta' negozju hawn Malta u ngħabar ma' waħda bħalek li nafu min hi."

Għal dawn il-kelmiet wiċċ ix-xbejba ħmar f'daqqa u għajnejha bil-mistħija ħarbu l-ħarsa tas-Sa Ġul. Imbagħad, tat daqqa ta' għajn mill-ġdid lir-ritratt taż-żagħżugħ, u bla ma qalet kelma, dehret li x-xewqa tax-xiħa kienet għoġbitha.

Is-Sa Ġul, li kienet waqqgħet il-kliem fuq binha apposta, tbissmet u marret tqiegħed ir-ritratt ta' Oreste f'loku. Meta reġgħet qagħdet ħaddnet bejn dirgħajha lix-xbejba u rassitha magħha.

Sadattant kienu ħadu t-te, u dawru kliemhom fuq ħwejjeġ oħra. Qabel ma dalam, iż-żewġ nisa nfirdu minn xulxin, wara li x-xebba wiegħdet lis-Sa Ġul li ma ddumx ma terġa' tmur taraha.

. . . . . . . .

Kien ħin it-te, xi għaxart ijiem wara l-laqgħa tas-Sa Ġul ma' Ġemma, u l-qaddejja, kif kienet id-drawwa, ġiebet it-te u telqet.

Is-Sa Ġul kienet qiegħda żżejjen il-kamra bil-ward li kien għadu kemm qatgħelha Peppi l-ġennien, u tagħti xi titwila 'l barra lejn l-egħlieqi u l-ġonna li kienu jdawru l-villa tagħha.

Ir-rebbiegħa kienet għadha fil-bidu: mat-tpespis imgegweġ ta' l-agħsafar kien qed jitħallat id-daqq ħlejju ta' ragħaj żagħżugħ, li b'ħeffa kbira kien jidher jilgħab b'subgħajh fuq it-tqajbiet tal-flejguta li kellu ma' fommu. L-egħlieqi, imnaqqxin bl-aħdar, bl-isfar, bl-aħmar u b'tiżwiq ta' lwien oħra, kienu jistiednu lill-aħħar imrieżaq fietla tax-xemx biex jithennew magħhom fil-ħajja qasira, imma sabiħa, tar-rebbiegħa.

Kollox kien jistieden għall-hena, u s-Sa Ġul, bla ma taf il-għala, ħasset qalbha timtela bil-ferħ ukoll.

Minn tarf it-trieq li kienet tagħti għall-villa, lemħet riesqa l-karozza tagħha miġbuda minn żewġ żwiemel. Kienet għadha l-bogħod, imma għajnejn is-Sa Ġul kienu jwasslu u hi għarfitha l-karozza tagħha. Ċenċlet qanpiena u resqet quddiem tieqa wiesgħa, kollha żġieġ, u qagħdet tħares lejn il-karozza riesqa.

Kif daħlet il-qaddejja fil-kamra, "Marija, dik mhix il-karozza tagħna?" staqsiet is-Sa Ġul.

"Iva, sinjura, dik tiegħek," wieġbet minn taħt il-lsien il-qaddejja.

"Għalfejn ħarġet la jiena ma ordnajthiex?" reġgħet staqsiet is-Sa Ġul.

"Ma nafx ingħidlek, sinjura; imma xi siegħa ilu ċempel it-telefonn, u min tkellem ma riedx li nqabbduh miegħek, ried ikellem lill-kuċċier. Kellmu Karmenu, u malli għalaq it-telefonn, rama l-karozza malajr u telaq jiġri 'l barra bħal maħrub."

Il-ħsejjes taż-żwiemel kienu jinħassu qrib, u ftit wara l-karozza għaddiet mir-rixtellu tal-ġnien u baqgħet sejra tieqaf f'tarf it-taraġ ta' quddiem il-bieb il-kbir tal-villa.

Is Sa Ġul inħbiet wara waħda mill-kolonni tat-tieqa biex ma turix ruħha, u qagħdet tistenna min sa jitfaċċa.

Karmenu, il-kuċċier, qabeż minn fuq l-istaffa, neħħa t-tomna minn rasu u fetaħ il-bieba tal-karozza. Niżel minnha żagħżugħ ta' xi ħamsa u għoxrin sena, twil, mibni b'saffejn u ħafif qisu vleġġa. Ta daqqa ta' għajn lejn il-villa, bħallikieku biex jaraha kollha f'daqqa, imbagħad tela' t-taraġ tlieta tlieta u baqa' dieħel ġewwa.

Is-Sa Ġul ma felħitx tiċċaqlaq minn fejn kienet: ma' ħaddejha dehru jilmaw żewġ demgħat ta' ferħ.

Mill-kmamar ta' barra nstama' min isejjaħ: Mamà, Mamà, haw' jien!" Wara ftit is-Sa Ġul kienet imgħannqa ma' binha Oreste, merfugħa minnu mill-art, u hu jbusha fuq ġbinha u ħaddejha, u jdur biha mal-kamra kollha.

"Ibni, terġax tħallini mingħajrek," qaltlu b'nifisha maqtugħ is-Sa Ġul kif intelqu t-tnejn fuq sufan.

"Issa noqgħod miegħek xahrejn, u fuq hekk nilħqu nitkellmu u niftiehmu sewwa."

Tħaddtu fuq l-Amerika, fuq ix-xogħol li għamel u dwar il-ħajja fi bliet kbar, iżda l-aktar li riedet titkellem is-Sa Ġul kien fuq Ġemma: hi ma xtaqetx li binha jerġa' jsiefer qabel ma jkun iżżewweġ, biex b'riħet hekk tarah miġbur u sserraħ moħħha. Imma kull meta kienet sa taqbad ittarraflu xi ħaġa fuq Ġemma, kienet tħossha tistħi minn binha, u fl-aħħar qatgħet li l-aħjar ħaġa li tagħmel kienet li tistieden lil Ġemma għandha u b'hekk tlaqqa' ż-żewġ żgħażagħ bla thejjija xejn.

Erbat ijiem wara l-wasla ta' Oreste mill-Amerika, kien hemm Ġemma tiekol għand is-Sa Ġul. Minn ras il-mejda, ix-xiħa kienet issa tagħti daqqa ta' għajn lejn binha, u issa lejn ix-xebba, titbissem għal kull ħarsa misruqa li kienet tilmaħhom jagħtu 'l xulxin, u tqawwi qalbha li dak li ħolmot kien sa jirnexxi.

Wara nofs in-nhar, is-Sa Ġul daħlet bħas-soltu timtedd f'kamritha, waqt li Karmenu rama l-karozza biex joħroġ lil Ġemma u 'l Oreste jagħmlu dawra.

Sakemm kienu għadhom rekbin, iż-żewġ żgħażagħ ma qalux għoxrin kelma bejniethom: it-tnejn riedu kieku jaqbdu jitħaddtu, iżda donnhom ma sabux xi jgħidu.

Karmenu, ta' xiħ u moħħu jilħaqlu, f'ħin wieħed ġibed ir-riedni u waqqaf iż-żwiemel. Dar fuq Oreste u qallu :

"Jekk tixtiequ tagħmlu passejn, din il-mogħdija twassalkom sa wied sabiħ ħafna."

"Trid timxi? ' staqsa Oreste lil Ġemma.

"Nimxu," wieġbet hi.

Niżlu mill-karozza u qabdu neżlin niżla wieqfa, qalb ġebel u siġar għoljin. Kultant Oreste kien jixxabbat b'id waħda ma' xi zokk u bl-oħra jwieżen lil Ġemma biex ma taqax. Hi kienet tagħtih idejha bil-ferħa, u meta tħosshom fil-għafsa ta' idejh, kienet taqbadha tferħira f'qalbha u tibda tirtogħod daqskieku kien il-bard.

In-naħa t'isfel tal-wilġa kienet miżgħuda bin-narċis u b'ward ieħor li jikber hemmhekk mingħajr ma jieħu ħsiebu ħadd. It-tiżwiq ta' bosta lwien għoġobha lil Ġemma, u kienet sa titlaq tiġri biex taqta' ftit fjuri; iżda kif tat l-ewwel pass, ilwiet riġel wieħed ma' ġebla u ntelqet fl-art mugħgħa.

Oreste għenha tqum bil-wieqfa, imma hi ma setgħetx tieqaf u timxi. Htieġlu, għalhekk, jerfagħha mill-art, mexa biha sa fuq roqgħa ħaxix, qegħidha hemm bil-qiegħda, u

"Fejn weġġajt? ' staqsieha.

"Taħt il-għaksa," weġbitu Ġemma, waqt li bdiet tgiddem xofftejha bl-uġigħ.

Oreste ħareġ maktur minn butu, xarrbu għasra f'nixxiegħa li kienet tfawwar mill-blat, u rabtu tajjeb ma' fejn Ġemma kienet qaltlu li weġġgħet.

Meta ntasab ma' ġenbha, Oreste dawwar driegħu l-lemin ma' dahar ix-xbejba u ħaddanha miegħu minn kitfejha. Ġemma ma tħarrketx u lanqas inġibdet minnu, biss għajnejha tbaxxew lejn l-art u qalbha ħabbtet imgħaġġla. Oreste ma kellu l-ebda ħsieb ta' żwieġ ma' Ġemma, imma hi f'dak il-ħin kienet diġà bdiet toħlom ħajja ta' mħabba u hena f'għaqda għal dejjiem ·maż-żagħżugħ ta' ħdejha. U Oreste semma fuq il-logħob ta' flimkien ta' tfulithom, iżda xejn fuq l-imħabba; anzi, meta tkellem fuq l-Amerika u n-nies li ltaqa' magħhom hemmhekk, taha x'tifhem li ma kienx imħajjar jiżżewweġ ma' maltija.

. . . . . . . .

Għaddew ix-xahrejn li Oreste kellu jgħaddi Malta, xahrejn li fihom qatta' kemm-il nofs ta' nhar ma' Ġemma, u issa kien wasal iż-żmien biex jitlaq lura lejn l-Amerika Lil ommu kien qatgħelha qalbha li jgħix u jiżżewweġ Malta, u lil Ġemma, għalkemm urieha dejjem qima kbira u kien jaf

li saħħarha għalih, qallha li kien laħaq ħabb xebba amerikana u li ma riedx jonqos minn kelmtu magħha.

Sakemm jasal lura l-Amerika, Oreste xtaq jibda jaħseb mill-ġdid fl-amerikana tiegħu, ta' xagħarha ħamrani u għajn ejha żoroq, li kienet ġennitu wrajha u neffqitu bosta flus; imma kull darba kienet tfeġġ quddiem għajnejh ix-xbejba maltija li kien ilu jaf minn tfulitu, b'xagħarha qastni u b'għajnejha tuta, li għad li ma wrieha qatt imħabba, kienet saret tħobbu mill-iżjed. U kull meta kien jittanta jaħseb fuq xi ħaġa sabiħa u tajba li għamlitlu l-amerikana, kien jiftakar f'ħafna affarijiet isbaħ u itjeb li sabhom f'Ġemma. Intebaħ —issa li kien f'nofs l-Atlantiku qiegħed iqarreb lejn kontinent bgħid minn pajjiżu—li qalbu bdiet tħobb lix-xbejba maltija. Ir-raġuni, madankollu, fehmitu li hu kien laħaq ta kelmtu lil waħda oħra u ma kienx jixraq li jikser il-wegħda ta' żwieġ li kien għamel; fuq kollox, lil Ġemma sata' jqisha għalih bħala ħolma sabiħa li tintesa hekk kif jiltaqa' ma' Doris ta' qalbu.

B'din il-fehma f'moħħu, l-ewwel ħaġa li għamel malli wasal fil-pajjiż fejn kienet tgħammar il-maħbuba tiegħu, kienet li jmur isibha f'darha biex jagħtiha l-bxara li issa kien magħha għal dejjem.

Ċenċel il-qanpiena tad-dar fejn kienet toqgħod u qagħad jistennieha tiftaħlu; iżda minflokha dehret mara xiħa. Oreste qala' l-kappell minn rasu u staqsieha:

"Jekk jogħġbok, Miss Rogers hawn qiegħda?"

"Miss Rogers ilha li telqet xahar minn hawn," weġbitu x-xiħa.

Oreste iżżieha ħajr, sellmilha u telaq lejn daru. Kien żgur li meta jasal isib xi ittra li tgħidlu fejn marret toqgħod. U hekk kien. Malli wasal fil-bieb tal-bini fejn kien igħammar hu, laqgħu bil-ferħa l-purtinar, qallu li kien għadu kemm tellagħlu l-bagolli fil-kmamar tiegħu, u li kellu ittra kienet ilha li waslet xi erba' ġimgħat. Oreste fittex ħa l-ittra f'idejh, fetaħha, sab li kienet minn għand Doris, u beda jaqra:

*Għażiż Oreste,*

*Niżżik ħajr ta' kemm għamilt miegħi u ta' l-imħabba kbira li wrejtni dejjem, imma issa nitolbok biex ma tfittixnix iżjed għaliex il-bieraħ iżżewwiġt u sa nsiefer il-lejla. Nittama li ma teħodhiex bi kbira dil-bxara tiegħi: nisa għad fadal ħafna fid-dinja, u għalhekk aħna n-nisa mgħaġġlin biex niżżewġu.*

*Nixtieqek li darb'oħra jkollok riżqek tajjeb.*

*Saħħa għal dejjem,*
*DORIS.*

Oreste sab ruħu waħdu: kien tbiegħed minn ommu u minn dik li ħabbitu, biex isib li dik li ħabb kienet bidlitu u żżewġet ma' ieħor. Ftakar f'kemm kienet ħajritu ommu jibqa' Malta, u fit-tjubija ta' Gemma

Qabel ma laħaq tela' fuq, qal lill-purtinar iniżżillu l-bagolli mill-ġdid, sejjaħ *taxi* u reġa' lura għall-istazzjon.

Għal darb'oħra, is-Sa Ġul ħadet id-dehxa li ssib lil Oreste quddiemha mingħajr ma kienet qiegħda tistennieh.

"Mamà," qal Oreste 'l ommu, "deherli li aħjar nisma' minnek u niġi ngħix miegħek hawnhekk."

Is-Sa Ġul bieset 'il binha għal darba tnejn, u mbagħad telqet tiġri ċċempel telefonn.

L-għada fil-għodu, għand is-Sa Ġul waslet Ġemma, ferħana sa ttir li ltaqgħet mill-ġdid ma' Oreste

Wara l-ikel, Karmenu rama l-karozza u ħa liż-żewġ żgħażagħ għal dawra. Meta waslu qrib ta' wied jixbaħ lil dak li kien saqhom ħdejh darb'oħra, il-kuċċier, bi tbissima li biha ried ifisser ħafna, staqsiehom:

"Tridux tiġru ġirja qalb il-ħdura?"

Ġemma u Oreste ħarsu lejn xulxin, infexxew jidħku u qabżu barra mill-karozza.

Meta kienu neżlin mal-għolja, Oreste qabad lil Gemma minn qaddha u staqsieha:

"Mhux aħjar inżommok mill-ewwel, li ma tilwix riġlek bħad-darba l-oħra?"

Ġemma la wieġbet iva u lanqas le, u baqgħu neżlin hekk sa ma waslu fil-wied Hemm isfel intasbu fuq il-ħaxix, qatgħu l-lellux u qagħdu jitkellmu fis-skiet ta' dak il-post

Kien il-għabex, u Karmenu ħa ħsieb iż-żgħażagħ li kellu miegħu; telaq il-karozza f'ġenb tat-trieq u niżel igħaġġel mal-għolja biex isibhom. Sakemm wasal f'qiegħ il-wied qrib Ġemma u Oreste kellu nifsu maqtugħ; imma qabel ma kellimhom, ħaxwex ftit qalb il-weraq taparsi kien għadu riesaq, biex taħom żmien iwarrbu xofftejhom mill-bewsa ta' mħabba li kienu qegħdin jagħtu 'l xulxin.

VIC. APAP.